MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tal-15 ta' Marzu, 2005

Numru 845/2003

**Il-Pulizija**
**(Spettur Michael Mallia)**

**vs**

**MARCEL DINGLI**

**Illum 15 ta' Marzu, 2005**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Marcel Dingli, ta' 45 sena, bin Mario u Anna Maria k/a Molly nee` Agius Gilbert, imwieled Sliema fit-23 ta' Settembru 1958 u residenti nru. 32, Flat 2, Triq Natalie Poutiatin Tabone Sliema u detentur tal-karta ta' l-identita` bin-numru 613658M gie akkuzat talli:

Fl-1 ta' Novembru 2002 ghall-habta tat-8.15 am, fil-bini tal-Qorti ta' Malta, Triq ir-Repubblika l-Belt Valletta, bi vjolenza jew theddid, gieghel ufficjal pubbliku li jaghmel jew ma jaghmilx xihaga li ghandha x'taqsam mal-kariga tieghu;

Kif ukoll talli f'l-istess data, lok, hin u cirkustanzi, ingurja jew hedded imhallef, jew l-Avukat Generali , jew, magistrat jew gurat, waqt li kien jaghmel jew minhabba li kien ghamel id-dmirijiet tieghu, jew bil-hsieb li jbezzghu inkella li jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fid-dmirijiet tal-kariga tieghu;

Kif ukoll talli f'l-istess data, lok, hin u cirkustanzi, iddenunzja lill-Pulizija Ezekuttiva reat li jaf li ma sarx, inkella bil-qerq holoq it-tracci ta' reat b'mod li jistghu jinbdew proceduri kriminali sabiex jizguraw li dak ir-reat kien sar;

Kif ukoll talli f'l-istess data, lok, hin u cirkustanzi, bhala ufficjal jew impjegat pubbliku, ghal xi vantagg privat tieghu, ghamel uzu hazin minn flejjes tal-Gvern jew tal-privat, karti ta' kreditu jew dokumenti, titoli, atti jew hwejjeg mobbli, illi kienu gew fdati lilu minhabba l-kariga jew impjieg tieghu, jew seraqhom;

Kif ukoll talli f'l-istess, data, lok, hin u cirkustanzi, bhala ufficjal jew impjegat pubbliku, dolozament bi ksur tad-dmirijiet tieghu, ghamel jew naqas li jaghmel xi att mhux imsemmi f'dizpozizzjonijiet ohra tal-ligi, b'taghkis jew bi hsara ta' haddiehor;

Semghet provi.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat l-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali nhar it-tnax ta' April, 2004.

Innutat li wara li l-Qorti staqsiet lill-akkuzat jekk ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u wara li l-imputat inghata zmien biex jirrispondi ghal din

id-domanda l-imputat wiegeb li m'ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja kif registrat fil-Verbal tas-Seduta tas-26 ta' April, 2004.

Semghet trattazzjoni.

Illi fis-Seduta tas-27 ta' Ottubru, 2003 l-Ufficjal Prosekutur l-Ispettur Michael Mallia xehed illi:

"Fl-1 ta' Novembru tas-sena 2002 ghall-habta tad-9.30am il-Pulizija kienet giet infurmata li xi persuna jew persuni mhux maghrufa kienu hallew parcel pakkett suspettuz f'hall number 3 tal-Qrati ta' Malta li kienet propju li kienet tintuza mill-Magistrat Dr. Jacqueline Padovani Grima. Fil-fatt jien kont duty officer dak inhar, CID. Gejt hawn hekk fuq il-post fejn iltqajt ma l-Ispettur Micallef Grimaud li diga kien beda bl-investigazzjonijiet tal-pulizija fuq il-post. Kien gie infurmat ukoll il-Magistrat ta' l-Ghassa Dr. Giovanni Grixti li kien nnomina lil Dr. Arthur Camenzuli espert tal-Qorti, lil PS 173 Brian Mangion u PC 453 P Cassar bhala scene of the crime officer. Bhala mezz ta' prekawzjoni il-bini kollu tal-Qorti kif ukoll l-inhawi ta' madwar il-Qorti minn barra kienu gew evakwati u kienu gew imsejha wkoll il-membri tal-Forzi Armati ta' Malta tas-sezzjoni ta' l-EOD li gew ukoll fuq il-post. Meta kienu fuq il-post il-membri ta' l-EOD iktar tard kienu fethu dan il-pakkett li kien qieghed fl-awla liema pakkett kien envelope size A4, envelope tal-Gvern ta' Malta li fuqu kellu timbru bhala Department of Contracts. Fuq l-envelope fuq il-faccata kellu miktub b'kitba kbira, Magistrat Dr. J. Padovani Grima. Pero` sussegwentement dan l-envelope kien infetah wara li gie ezaminat mill-membri ta' l-EOD fejn irrizulta li go fih kien hemm kartolina tal-birthday, Koala Bear soft toy zghir bl-isem tad-ditta WWF u ritratt zghir tal-passaport black and white li kien juri wicc ta' persuna maskili u fuq wara kellu miktub il-kliem 'PN forever'. Mill-istess envelope kien inhareg booklet zghir li kienigib it-titlu Gorg Borg Olivier, Statista ta' vizjoni u perseveranza, Azad miktub mill-Profs N Pirotta, kellu data 31 ta' Ottubru 2002. Minn iktar stharrig li kien sar fuq il-post fil-fatt konna tkellimna ma membri ta' l-istaff tal-istess Magistrat li tpoggi f'Hall 3 kien rrizultalna li ghall-habta tat-8.30am il-membri ta' l-istaff li

kienu id-Deputat Registratur Marika Caruana id nru 418174(M) u l-kumplament ta’ l-istaff li kienu Doris Cini id nru 878444(M) u Alfred Xuereb id nru 125343(M). Dawn kienu qalulna li waqt li kienu fis-sigrieta ta’ l-Awla kienu lemhu lil xihadd ihalli l-awla. Fil-fatt kienet xi persuna minnhom li kienu lemhu u kienu qalulna lima kienu gharfu lil hadd pero kienu raw bhal xi hadd hiereg minn taht il-ghajna ghall-habta tat-8.15am. Kienu qalulna wkoll li dak il-hin ma tawx kaz, fil-fatt kienu fis-sigrieta pero iktar tard xi hadd minnhom kien induna b’dan l-envelope li kien impoggi fuq il-bank tal-magistrat. Fil-fatt kienu gabruh huma, dahhluh gewwa fis-sigrieta pero x’hin imbghad id-deputat rat l-envelope kien gieha suspett hazin. Fil-fatt kienet infurmat lill-magistrat taghha dak il-hin stess u sussegwentement kienet giet infurmata il-pulizija. Mill-istess pakkett bhal ma semmejt iktar qabel kien instab ritratt li kien igib wicc ta’ persuna maskili. Dan konna jien u l-ispettur Micallef Grimaud konna wrejnieh lill-magistrat fil-fatt u kienet qaltilna li kienet taf lill-persuna li kienet tidher fir-ritratt. Fil-fatt kienet taghtna l-isem ta’ Marcel Dingli l-imputat ukienet qaltilna wkoll li kienet ilha tafu minn hafna zmien qabel. Kienet qaltilna wkoll li xi 11-il sena qabel l-istess Marcel Dingli kien cempel fir-residenza taghha fejn kien kellem lir-ragel taghha u kien qallu li kellhom bomba wara l-bieb. Fil-fatt kienet qaltli wkoll il-Magistrat li kien instab hati u fil-fatt kien tressaq quddiem il-Magistrat Dr. Antonio Mizzi u kien ammetta l-akkuza u kien instab hati. Sussegwentement jien u l-Ispettur Micallef Grimaud konna rrintraccjajna lill-imputat Marcel Dingli li qed ngharaf hawn hekk fl-awla fir-residenza tieghu Sliema fejn iktar tard konna kellimnieh ukoll fil-kwartieri generali tal-pulizija fejn hu qalilna mill-ewwel li kien hu li kien halla dak il-pakkett fl-awla u kien qalilna li l-iskop tieghu kien li jghaddieh lill-Magistrat Padovani Grima. Kien qalilna wkoll li lill-Magistrat kien fil-fatt jafha minn snin qabel u li kien ammiratur taghha. Fil-fatt kien qal ukoll li kien ftakar li l-birthday taghha kien fis-7 ta’ Novembru u kien ghal hekk li pogga dan il-pakkett sitt ijiem qabel il-birthday taghha ghax skond hu kien qalli li kien ddecieda li jaghtiha gift zghir. Marcel Dingli kien gie mistoqsi minnha dwar x’kienet l-intenzjoni tieghu u kien qalilha li ma kellux intenzjoni li jallarma lill-Magistrat u fil-

fatt kien qalilna hu stess li kien pogga ir-ritratt tieghu go l-istess envelope. Pero kien qalilna wkoll li kien dahal bil-pakkett, kien staqsa lil xi messaggier tal-Qorti, kien staqsieh fejn kienet l-awla ta' Padovani Grima u meta dahal fl-awla qal li hu ma ra lil hadd u poggiehulha fuq il-mejda. Waqt l-investigazzjoni kien rrizultalna wkoll li l-imsemmi Marcel Dingli kien ghal xi zmien taht kura psikjatrika. Fil-fatt jien kont ghamilt kuntatt ghax kont staqsejt lilu min kien l-ispecjalista li kien qed jiehu hsiebu u kien qalli li kien Dr. Saliba f'Mount Carmel Hospital. Jien kont ghamilt kuntatt mieghu dan u kont ghidtlu li ghandi pazjent tieghu fil-kustodja taghna u kien qalli li xtaq jezamina lill-pazjent. Fil-fatt meta jien kellimt lil Marcel Dingli kien offra minn jeddu stess, qalli li jixtieq imur hemm hekk. Jien fil-fatt kont ghaddejtu lil dan Dr. Saliba. Fil-fatt lanqas konna lhaqna hadnilu stqarrija dwar dak li gara pero dak kollu li ghidt dan kien qalu verbalment fil-presenza wkoll ta' l-ispettur Micallef Grimaud."

In kontro ezami l-Ispettur Michael Mallia xehed:

"Fuq domanda li qed ssirli mid-difiza dwar min kienet il-persuna li kienet rceviet it-telefonata dwar theddida ta' bomba b'referenza ghax-xhieda tieghi li kont xhedt qabel dwar din il-persuna niftakar li meta tkellimt mal-Magistrat Padovani Grima kienet qalet li niftkar cet li kien xi hadd mir-relatives taghha pero dwar dan tkun tista' tixhed il-Magistrat stess u tispecifika dwar din il-persuna."

Fis-Seduta tas-27 ta' Ottubru xehed ukoll Robert Bugeja li qal:

"Ghan-nom tar-Registratur tal-Qrati qed nesebixxi nota ta' l-avukat generali flimkien ma proces verbal redat mill-magistrat Dr. Giovanni Grixti datat 7 ta' Marzu 2003 rigwardanti inkjesta dwar pakkett suspettuz li nstab gewwa l-awla tal-Magistrat Dr. Jacqueline Padovani Grima LL.D. nahr l-1 ta' Novembru 2002 liema nota flimkien ma proces verbal qed jigi esebit u mmarkat bhala Dok. RB1."

Fix-xhieda tieghu fis-Seduta tas-27 ta’ Ottubru, 2003, l-Ispettur Pierre Micallef Grimaud xehed:

“Fl-1 ta’ Novembru 2002 kienu ghall-habta tad-9.15am jew 9.30am meta jien gejt infurmata l-ghassa l-Belt illi kin ghadu kif instab xi pakkett suspettuz gewwa awla nru 3 fil-bini tal-Qorti il-Blet. Jien immedjatament mort fuq il-post u sibt gewwa l-awla fuq il-mejda go l-awla pakkett li jikkonsisti f’envelope ta’ kulur kannella li kien qieghed wahdu fqu mejda minghajr ma hadd ma kien hemm go l-awla dak il-hin. Jien kif rajt hekk avzajt lin-nies fil-vicinanzi biex jersqu lura u ngumbrajt l-awla. Zgumbrajt ukoll il-Qorti kollu kif ukoll parti minn Triq ir-Repubblika cioe faccata tal-Qorti peress li dan il-pakkett kien jidher naqra kbir mhux tas-soltu u infurmajt ukoll membri tal-forzi armati ta’ l-EO biex jigu jispezzjonat u jghinuna fl-investigazzjoni. Jien dak il-hin ukoll ghamilt kuntatt mal-Magistrat ta’ l-Ghassa Dr. Giovanni Grixti fejn infurmajtu b’dak li kien instb u hatar diversi esperti fejn saret inkjesta Magisterjali. Iktar tard kif dahlu il-membri tal-Forzi armati dawn avzawni li minhabba is-size ta’ l-envelope li kien suspettuz ahjar inzommu lin-nies kemm jista jkun il-boghod mill-vicinanzi tal-Qorti u hadna hsieb li ghamilna hekk. Wara ammont ta’ hin li damu jispezzjonawh il-membri tal-forzi armati sejhuli go l-awla fejn infurmawni li ma kien hemm l-ebda periklu go dan il-pakkett sa fejn jafu huma, kien jikkonsisti f’materjal ta’ karti u oggetti ohra. Jien spezzjonajt l-envelope wara li ghamilna l-investigazzjoni u sibt li kien envelope ta’ kulur kannella tal-Gvern ta’ Malta. Go dan l-envelope kien hemm xi fuljett dwar il-hajja ta’ Dr. George Borg Olivier. Kien hemm soft toy jikkonsisti minn koala bear u kartolina indirizzata lill-Magistrat Padovani u fl-istess hin ritratt zghir black and white ta’ persuna li iktar tard sirna nafu minhi li rrizultalna li hija l-istess imputat hawn hekk presenti u dan ir-ritratt fuq wara kien jghid ‘PN forever’ u xi kliem iehor dwar il-partit Nazzjonalista. Jien meta kellimt lill-Magistrat Padovani sirna nafu li l-persuna kienet certu Marcel Dingli. Kelli idea jien fejn qed tabita Ta’ Sliema u morna id-dar tieghu jien mal-kollega tieghi l-ispettur Mallia fejn kellimnieh bil-kumdita kollu bla ma kellu ebda agitazzjoni u dan spjegalna li dan il-pakkett kien kkonsenjah hu stess

gewwa l-Qorti peress li kien jaf li wasal ghelqu iz-zmien tal-Magistrat Padovani u qalilna wkoll li kien ilu jafha zmien qabel, jaf min hi il-persuna u xtaqt li jaghmillha xi pakkett sorpriza speci ta' rigal zghir minhabba il-birthday taghha. Iktar tard is-Sur Dingli gie mehud maghna id-depot tal-pulizija fejn gie mitkellem mill-spettur Mallia wkoll u rreferejnieh ukoll l-isptar Monte Carmeli meta sirna nafu li diga kien xi pazjent hemm hekk minhabba xi problemi mentali tieghu. Saret inkjesta Magisterjali mill-Magistrat Giovanni Grixti dwar dankollu li ghadni kif ghidt."

In kontro-ezami l-Ispettur Pierre Micallef Grimaud xehed:

"Mistoqsi dwar il-pakkett koncenrat fl-awla jekk meta mort jien u accedejt fuq il-post kienx fuq il-mejda ta' l-awla jew gos-sigrieta jien niftakar li kont rajtu fuq mejda zghira kif appena tidhol fis-sigrieta tal-Magistrat pero minn informazzjoni li waslitli meta wasalt fuq il-post kien li dan il-pakkett kien dig agie spustjat minn impjegati tal-Qorti ftit wara li nstab fuq il-post l-ewwel darba."

Il-Magistrat Dr. Jacqueline Padovani Grima xehdet ukoll fis-Seduta tas-27 ta' Ottubru, 2003 fejn qalet:

"Niftakar li kienet id-data ta' l-1 ta' Novembru 2002. Jien kont dhalt dak inhar ghax-xoghol normali. Meta jien kont ghadni isfel allura barra l-Qorti hdejn il-karozza niftakar li l-messaggier tieghi Alfred Xuereb kien qalli li hemm xi envelope ghalija. Nixtieq nghid li dan il-messaggier Xuereb kien ghadu gdid fl-awla tieghi u ghal hekk ma tantx tajt kasu stante li hsibt li kienet parti mill-korrispondenza tieghi. Dhalt fis-sigrieta tieghi u bdjena preparamenti ghax-xogholt al-gurnata ta' l-awla. Fil-fatt nghid li kien hemm diga diversi esperti li kienu dahlu quddiemi u halfu r-relazzjonijiet dwar l-inkjesti u kif kont jien appena ser nohrog fl-awla dan il-messaggier tieghi Xuereb qalli dwar il-pakkett li kont ghadni ma ftahtux. Jien staqsejtu x'pakkett hu ghax hu qabel lili kien rreferieli bhala envelope u nghid dak li ahna fil-Qorti insejhulu bhala investa cioe envelope kbir kannella. Nghid dan kien gholi u deher li kellu xi haga solida go fih u jien ghal hekk staqsejtu min kien gabu. Nghid li dan ma kienx

f’posizzjoni li jirrispondini u dan qed nirreferixxi ghall-messaggier tieghi Xuereb u anzi qalli wkoll li din kienet xi haga naqra misterjuza u nghid li imbghad lill-messaggier tieghi tlabtu biex jghidli min kien gabu hemm hekk u minn fejn kien gabu u dan rrispondieni u qalli li xi hadd kien hallieh fuq il-mejda ta’ l-awla fuq in-naha fejn ipoggu l-vukati. Jien staqsejt lill-messaggier tieghi dwar min kien allura halla dan il-parcel hemm hekk u dan Xuereb il-messaggier tieghi rrispondieni li kull ma semgha kien iz-zaqzieq tal-bieb ta’ l-awla u li meta kien hareg ra il-bieb iperper u ra il-parcel. Hu imbghad mar jara jekk kienx xi hadd li halla dan il-parcel warajh biex ikun jista jara ghal min jindirizzah pero sab li kien indirizzat ghalija. Mar jigri barra ha jara jaghraf lill-persuna pero il-kurutur kien vojt. Jien allura tajt daqqa t’ghajn lil dan il-pakkett. Nnutajt li dan kien envelope tal-Gvern ta’ Malta pero dan kellu miktub fuqu, Department of Contracts. Jien kont certa li jien ma kelli ebda kawza li kienet tikkoncerna id-Department of Contracts u konsegwentement jien bdejt nahseb hazin. Staqsejt wahda lill-istaff tieghi jekk dawn kienux raw jew semghu xi haga, kollha qaluli li huma kienu semghu zaqzieq tal-bieb ta’ l-awla u meta hargu raw il-pakkett fl-awla. Nghid ukol li dak kien perjodu fejn kien hawn ta’ spiss theddid gewwa il-Qorti u ghal hekk jien minnufih infurmajt lir-Registratur tal-Qrati. Min-naha tieghu ir-Registratur infurmani li hu kien ser jibghat ghall-pulizija. Gew diversi spetturi tal-pulizija u membri ohra tla-korp tal-pulizija flimkien ma nies tal-Forzi Armati ta’ Malta u dawn bdew johorgu lil kulhadd il-barra. Jien spiccajt ukoll hrigt barra. Spiccat li dak inhar kellu jsir il-posponiment tax-xoghol ta’ kulhadd bl-ordni ta’ l-amministrazzjoni. Nghid li jien gejt murija mill-esperti forensici il-kontenut tal-parcel wara li dan kien gie miftuh. Fih kien hemm teddy bear. Kien hemm ukoll card. F’din il-card kien hemm ukoll ritratt qisu one inch square ta’ l-imptuat Dingli li qed ngharfu presenti fl-awla. Il-card kienet birthday card. Nghid li dan fil-fatt kienet birthday card pero jien lanqas stajt nikkollegaha mal-birthday tieghi ghax il-birthday tieghi kien ghad fadal xi gimgha ohra ghalih. Dan ir-ritratt kien jikkonfigura persuna li jien diga kelli konoxxjenza qabel taghha li huwa l-imputat. Ghandi nghid li l-imputat meta jien kont ghadni tfajla kellu dak li

jista niddeskrivi bhala fissazzjoni jew ossessjoni fuqi. Jien qatt ma hrigt mieghu pero kien formanti parti minn grupp ta’ hbieb u jien gieli tkellimt mieghu. Ghandi nghid li meta kont ghadni xebba gieli baghtli cards pero daqshekk. Inzid nghid li pero fl-1990 meta jien kont diga qeghda nohrog ma dak li llum huwa r-ragel tieghi l-imputat kien ghamel zewg bomb hoaxes f’guranta wahda fid-dar ta’ missieri u dan jumejn qabel il-Milied. Kien ghamel serje ta’ telefonati lill-mama tieghi. Kien qalilha li ghandha bomba fuq l-ghatba tal-bieb. Kienet fethet il-bieb u sabet fuq in-naha ta’ barra tal-bieb kaxxa kbira li qisha tal-bottijiet tal-halib. Konna bghattna ghall-pulizija u anke gew membri tal-Forzi Armati. Spicca biex il-kwartier shih ta’ fejn toqghod il-mama tieghi spicca biex gie evakwat b’ordni tal-Forzi Armati u dan il-parcel spicca biex ttiehed fir-roundabout li dak iz-zmien kienet quddiem in-naha ta’ l-Universita u dan biex ikun jista’ jigi miftuh hemm hekk. Kif kien gie stabbilit li dan il-pakkett ma kien fih xejn hazin kienu telqu il-pulizija u ta’ l-AFM u kulhadd rritorna lejn daru. Qisu xi kwarta wara li l-pulizija u ta’ l-AFM kienu telqu il-mama regghet rceviet telefonata ohra fejn kienet infurmata li kien hemm bomba fejn il-bieb. Kellu jerga jigi ripetut il-procedura kollha li semmejt dwar l-ewwel theddida. Jien konsapevoli dwar dan it-theddid l-imputat kien gie mressaq quddiem il-Magistrat Dr. Antonio Mizzi u kien instab hait. Jidhirli li d-decizjoni li nghatat mill-Qorti f’dik l-okkazjoni nghatat fis-7 ta’ Mejju 1991. Nghid li mill-okkazzjoni tal-pakkett li tqieghed fl-awla tieghi u allura qed nirreferi ghall-1 ta’ Novembru 2002 sa llum ma kien hemm assolutament ebda kuntatt bejni u bejn l-imputat. Nixtiq nghid li l-mod kif tpogga dak il-pakkett fl-awla tieghi fl-1 ta’ Novembru 2002 ghalija jfisser minaccja u din il-minaccja narra bhala minaccja ghall-amministrazzjoni tal-gustizzja. Certament jien ma kontx niehu il-passi li hadt fis-sens li kelli ninforma l-awtoritajiet koncernati dwar is-sejba ta’ tali pakkett kieku jien ma kontx hadtha bhala minaccja ghall-amministrazzjoni tal-gustizzja.”

Il-Magistrat Dr. Jacqueline Padovani Grima xehdet in kontro ezami li:

“Rigwardanti l-incident ta’ l-1990 lijien diga ghamilt refernza ghalih dwar it-telefonati li saru dwar bomba quddiem ir-residenza tal-genituri tieghi nghid li jien dak iz-zmien ma kontx ghadni Magistrat. Jien sirt Magistrat f’Lulju 1991. Nixtieq nghid li jien dka iz-zmien kont nghix fir-residenza tal-genituri tieghi u ma kontx ghadni mizzewga. Meta kienu saru dawn it-telefonati dwar il-bombi nghid jien kont diga gharusa. Jien nghid li kont gharusa bic-curkett u nghid li imbghad izzewwgit fl-1991. Nghid bhala min irrisponda t-telefon fizikament ma kontx jien. Nixtieq hawn hekk inzid nghid li fit-tieni okkazzjoni ta’ dawk iz-zewg telefonati li saru u li ghamilt referenza ghalihom fir-residenza tal-genituri tieghi kien l-gharus tieghi li llum huwa zewgi li kien qabad lill-imputat red-handed ipoggi il-pakkett ma l-ghatba tal-bieb ta’ barra u ghal hekk jien kif sirt naf b’dan rrealizzajt li dik in-natura ta’ dawk it-telefonati kienu diretti lejja u mhux lejn il-genituri tieghi. Nghid li jien u dan qed nghidu bl-iktar mod remort li jien b’xi mod ma nkoraggejt lill-imputat.”

Fix-xhieda tieghu fis-Seduta tas-27 ta’ Ottubru, 2003 il-Marixxall Alfred Xuereb qal:

“Nghid jien Marixxal fil-Qrati tal-Gustizzja. Jien qed assenjat mal-Magistrat Dr. Jacqueline Padovani Grima. Nghid li fid-data ta’ l-1 ta’ Novembru 2002 jien kont diga assenjat mal-Magistrat Dr. Jacqueline Padovani Grima. Nghid li fl-1 ta’ Novembru 2002 kienu ghal xis-7.30am illi jien kont bil-qeghda gewwa s-sigrieta. Mieghi kien hemm Doris Cini li hija machine operator li qed tipprepara xoghol ghas-seduta. Jien kont fir-ras tal-mejda gewwa s-sigrieta. Hin minnhom din Doris Cini qaltli biex jin immur nittawwal fl-alwa. Jien qomt u mort gewwa l-alwa u rajt fit-tarf tar-ras tal-mejda u dan fejn tpoggi l-Qorti u dan fuq in-naha tal-lemin ta’ fejn ikun hemm il-Magistrat pakkett li kien qisu pakkett ta’ cirka pied bie tmien pulzieri. Jien jidhirli li kien hemm l-isem tal-Magistrat Padovani Grima pero dwar dan minix cert. Jien qbadt il-pakkett u dahhaltu fil-mejda tas-sigrieta. Nghid li lili kienu qaluli s-suldati li darba ohra meta nsib xi haga hekk ma missiex u nhallieha fejn kienet. Jien sa fejn naf jiena lill-Magistrat Padovani meta hrigt barra ghaliha sa fejn naf jien u dan nghid sakemm niftakar

ma kontx ghidtilha bil-pakkett. Imbghad nahseb li kienet id-deputata li qaltilha bih. Nghid li l-ewwel kienu gew il-pulizija, imbghad kienu gew is-suldati u kien wara li gew is-suldati li dawn kienu lili qaluli biex il-pakkett ma mmissux u nghid li ghal hekk il-Magistrat kienet diga waslet fuq il-post. Nghid li dan il-pakkett kien miksi qisu b'materjal ta' karta kulur l-envelope li qieghed fuq il-mejda tad-deputat fl-awla li hu envelope tal-Gvern. Nghid li jien lill-magistrat Padovani ghidtilha fejn kont sibt l-envelope. Il-Magistrat lili wkoll qaltli biex darba ohra ma nergax immissu u dan b'referenza ghall-pakkett li sibt fl-awla. Sa fejn naf jien meta jien hrigt go l-awla u nnutajt il-pakkett il-bieb ma kienx jisswingja. Jien wara li kont hrigt fl-awla sibt il-pakkett, dan kont qbadtu u dahhaltu fis-sigrieta. Jien ma hrigtx mill-bieb ta' l-awla barra biex nara min kien gab il-pakkett u dan in kwantu ghall-kurutur ta' barra l-awla. Jien minghalija li l-bieb ma rajtux jisswingja jew jiccaqlaq. Jien nikkonferma wkoll li jien ma hrigtx barra fil-kurutur biex nara jekk xi hadd kienx halla l-parcel warajh fl-awla. Jien hadd ma qalli biex immur inhares barra fil-kurutur biex nara jekk narax min kien halla il-pakkett fl-awla. Nixtieq nghid li fis-sigrieta dak il-hin kien hemm biss jien u Doris Cini. Din zgur ma qaltlix biex jien nohrog fil-kurutur biex nara jekk xi hadd kienx halla il-parcel fl-awla. Qed nirreferixxi ghal dan il-hin partikolari in kwantu ghal meta jien sibt il-pakkett in kwantu ghal dak li ghidt li fis-sigrieta konna jien u Doris Cini biss. Nghid li l-hin kien qisu is-7.30am li kont fis-sigrieta pero dan qed nghid bhala hin pressa poco. Nghid li dak il-hin kemm il-bieb ta' l-awla kif ukoll il-bieb principali tal-Qorti jkunu miftuhin u accessibli ghall-pubbliku."

In kontro-ezami l-Marixxal Alfred Xuereb xehed:

"Nghid li jien kont sibt il-pakkett gewwa l-awla u qed nigi mistoqsi mid-difiza allura kontx jiena l-ewwel persuna li sibt il-pakkett fl-awla nghid li iva."

Fis-Seduta tas-27 ta' Ottubru, 2003 xehdet ukoll Marica Caruana li qalet:

"Jien Deputat Registratur assenjata mal-Magistrat Dr. Jacqueline Padovani Grima. Niftakar li in kwantu ghad-data 1 ta' Novembru 2002 xi hin wara li konna dhalna ghax-xoghol u cioe bejn it-8.00am u 8.15am gie l-Marixxal Alfred Xuereb u qal li kien hemm pakkett indirizzat ghall-magistrat. U jien kont staqsejtu fejn kien sabu u hu kien qalli li kien sabu fuq it-tribuna tal-Magistrat fl-awla. Jien staqsejtu jekk kienx sab xi nies go l-awla u qalli le fis-sens li hu kien sab biss il-pakkett wahdu. Dan taghni dan il-pakkett li kien f'envelope kannella bil-kliem fuqu Department of contracts. Jidhirli li kien indirizzat lill-Magistrat Padovani Grima. Nghid ukoll li dna il-pakkett kien jidher ftit bulky. Ma kienx envelope bhal meta wiehed ikollu biss karti go fih. Kien nvelope bulky. Nghid li l-envelope kien kbir kulur kannella u jidhirli kien ta' xi size A4. Nghid li jien x'hin rajtu u dan il-Marixxall Xuereb qalli li kien indirizzat ghall-Magistrat jien ma rajthiex bhala xi haga posittiva din u jien staqsejt lil dan Xuereb kif dan il-parcel jintefa' gewwa l-awla meta ahna ma smajna lil hadd diehel. Nixtieq nghid li jiena mhux li ssuspettajt imm rajtha xi haga stramba kif saret il-haga. Nghid l-envelope kien ssiggillat pero ma stajtx nghid x'kien fh l-envelope. Nghid jien dan il-pakkett hassejtu pero ma stajtx nghid x'kien fih u nghid jien hallejtu fuq l-ewwel desk li ghandna kif tidhol fis-sigrieta sakemm giet il-magistrat. Imbghad il-Magistrat qaltli biex ma mmissux u nhallieh hemm hekk u jien kont ghidtilhia li dak il-pakkett kont diga missejtu. Nghid li ahna is-soltu meta jigu b'xi pakketti dawn jaghtuhomlna f'idejna. Nghid pero ghalija ghalkemm din ma kinitx xi haga tas-soltu ma rajthiex xi haga hazina. Jien x'hin il-Marixxal Xuereb kien taghni il-parcel jien ttawwalt go l-awla pero ma kien hemm hadd. Jien minn barra l-awla ghal gewwa l-kurutur ma ttawwaltx. U jien bqajt fis-sigrieta u ma ccaqlaqtx. Nghid li l-Marixxall dka il-hin li kien sab il-parcel gie mill-ewwel bih u tahuli. Nghid li lili dan Xuereb kien qalli li hu kien gej mill-kurutur, dahal gewwa l-awla, sab il-pakkett u baqa diehel gewwa s-sigrieta u tah lili. Dan qaluli l-Marixxall Alfred Xuereb. Jien fil-fatt nghid kont qeghda nittajpja fuq id-desk tieghi. Qed nigi mistoqsija mill-prosekuzzjoni jekk xi ftit hin qabel ma nstab il-pakkett jien smajtx il-bieb ta' l-awla jzaqzaq nghid li ma niftakarx."

In kontro-ezami Marika Caruana xehdet li:

“Nghid li jien fl-awla il-pakkett ma kontx rajtu. Nghid meta jien kont qed nittajpja fis-sigrieta il-Marixxall kien barra. Nghid li ma kontx jien li bghatt lill-Marixxall biex jara x’kien hemm barra gewwa l-awla. Nghid ma niftakarx jekk il-bieb ta’ l-awla dak il-hin kienx miftuh jew le. Pero bil-fors il-Marixxal dahal mill-bieb ta’ l-awla. Qed nigi mistoqsi mill-Avukat Difensur jekk il-bieb li mis-sigrieta jaghti ghall-awla dak il-hin kienx miftuh nghid li ma niftakarx. Nghid li fis-sigrieta tal-Magistrat Padovani Grima ma hemmx bieb li mis-sigrieta jaghti ghal gol kurutur. L-uniku bieb hu li mis-Sigrieta jaghti ghall-awla. Konsegwentement nghid li biex wiehed jidhol fis-sigrieta tal-Magistrat Padovani Grima bil-fors irid jghaddi minn gol-bieb ta’ l-awla u imbghad minn gol-bieb ta’ l-awla jghaddi mill-bieb li hemm fl-awla li jaghti ghas-sigrieta. Nixtieq hawn nippreciza li hemm access iehor ghas-sigrieta tal-Magistrat li huwa dak minn St. John Street pero dan mhux accessibbli ghall-pubbliku u huwa biex jintuza mill-Magistrati. Nghid dak il-hin li jien nghatajt il-parcel il-bieb li juzaw il-Magistrati minn St. John Street li jaghti ghas-sigrieta taghna dak il-hin kien maghluq bic-cavetta. Dak il-hin li l-marixxall kien dahal hdejja bil-pakkett f’idu kienu xit-8.00am jew 8.15am. Ma nistax nghid bil-preciz dak inhar x’hin dahlet il-Magistrat Padovani fis-sigrieta. Li nghid hu li l-hin normali taghha hu bejn id-9.00am u 9.15am u dak inhar kellna xoghol normali.”

Fis-Seduta tas-27 ta’ Ottubru, 2003 xehed ukoll Bombardier Frans Role li qal:

“Jien membru tal-Forzi Armati ta’ Malta u qieghed il-Bomb Disposal Unit. Nikkonferma li fl-1 ta’ Novembru 2002 ahna tal-bomb disposal unit rcevejna telefonata fil-headquarters taghna u jien flimkien mal-kollega tieghi Bombardier Camilleri gejna il-Qorti ghax kienu qalulna li kien hemm parcel suspettuz. U nghid li fl-istess hin l-operations room li qisha bhala head quarters kienu cemplu lil Captain Curmi biex javzawh li ahna ghandna bomb threat il-Qorti. Ahna sirna nafu li kien hemm parcel.

Lestejna l-affarijiet fis-sens li preparajna l-x-ray machine, lbies protettiv u l-affarijiet necessarji. Dak il-hin wasal Captain Curmi u l-affarijiet libishom hu. Hu ha l-x-ray machine mieghu u dahal fil-kamra biex javvicina il-parcel suspettuz. Hu hares lejn tali oggett u wara sirna nafu li kien jirrizulta li kien hemm teddy bear go fih, ritratt, pamphlet u card, precizametn birthday card. Nikkonferma li ma kienx hemm splussiv f'dan il-parcel."

In kontro-ezami l-istess xhud:

"Qed nigi mistoqsi mill-avukat difensure in kwantu kemm setgha kien fih piz dan il-pakkett nghid li ahna ma konniex wizinna dan il-pakkett. Jidhirli li l-pakkett kien go envelope kbir kannella tal-Gvern. Bejn wiehed u iehor nikkakula li bhala piz setgha kien hemm xi 400 jew 500g."

In ri-ezami l-istess xhud qal:

"Qed nigi mistoqsi mill-avukat prosekutur jekk ahna bhala procedura inqisux il-piz jew id-daqs ta' l-oggett nghid li ahna ma nqisuhx dan oggett kbir jew oggett zghir ahna nghamlulu l-istess procedura."

In ri-kontro-ezami l-istess xhud qal:

"Qed nigi mistoqsi mill-avukat difensur jekk ahna meta rajna dan il-pakkett kellniex suspett lejn dan il-pakkett nghid ahna il-procedura taghna u l-prassi taghn a hi li kull meta nsibu xi haga dejjem ahna nqisuha bhala suspett. Nghid ahna morna fuq il-post u dan nghid ahna dejjem naghmlu hekk immorru b'suspett ta' bomba."

Fis-27 ta' Ottubru, 2003 xehed ukoll il-Bombardier 6276 Luciano Camilleri li:

"Jien nifforma parti mill-Forzi Armati ta' Malta fil-bomb disposal unit. Nghid li fl-1 ta' Novembru 2002 nghid jien flimkien ma Last Bombarier Role konna gejna imsejhin biex nigu il-Qorti fuq suspett ta' bomba. Nghid li kien lahaq gie fuq il-post Lt. Curmi. Nghid hadna il-prekawzjonijiet kollha inkluzi li ordnajna l-evakwazzjoni

tal-Qorti. Din hija procedura taghna. Nghid li dan li sibna hadnilu x-ray. Pero l-x-ray ma hadimx. Nghid li imbghad konna libbisna lil Lt. Curmi bil-libsa protettiv u mar jaghmel il-procedura hu. Kien l-istess Lt. li dan fetah il-pakkett. Kien imbghad hu li lili qalli x'kien hemm fil-pakkett ghax jien ma kontx rajt x'kien hemm fil-pakkett."

Fl-istess Seduta xehed ukoll PS 57 Raymond Caruana li qal:

"Qed nesebixxi l-okkorrenza li qed tigi esebita u mmarkata bhala Dok. CR1. U nikkonferma li din hija l-okkorrenza tal-pulizija rigwardanti il-kaz mertu ta' din il-kawza."

Fis-Seduta tas-27 ta' Jannar, 2004 xehed Alfred Camenzuli li qal:

"Qed nigi muri Dok. RB1 konsistenti f'zewg noti u proces verbal redat mill-Magistrat inkwerenti Dr. Giovanni Grixti datat 7 ta' Marzu 2003 u mmarkat bhala Dok. RB1 u naghmel referenza minn foll 14 sa 42 ta' l-istess proces u precizament ghal Dok. ABC1 u nikkonferma li din hija r-relazzjoni tieghi li jien kont mahtur mill-Magistrat inkwerenti fl-istess inkjesta. Nikkonferma li fedelment u onestament qdejt l-inkarigu moghti lili."

In kontro ezami l-istess xhud kompla jixhed u jghid:

"Il-funzjoni tieghi bhala perit tekniku kienet li jien smajt diversi xhieda, ikkonstatajt ukoll l-istess pakkett u wkoll ddeskrivejt il-pakkett u l-kontentu tieghu. Nghid meta jien rajt il-pakkett u l-kontenut tieghu dan kien diga f'idejn il-pulizija u kienu diga` gew il-bomb disposal unit. Konsegwentement nikkonferma li jien il-pakkett sibtu miftuh."

Fis-Seduta tas-27 ta' Jannar, 2004 xehdet ukoll Doris Cini li qalet:

"Nghid li fl-1 ta' Novembru 2002 jien kont court recorder u ghadni hekk sa llum. Dak iz-zmien u cioe fl-1 ta' Novembru 2002 jien kont assenjata mal-magistrat

Dottoressa Jacqueline Padovani Grima. Nghid bejnil-hin ta' xis-7.30am sad-9.00am jien kont qed nipprepara seduta u jien kont qeghda fis-sigrieta tal-magistrat Padovani Grima. Mieghi kien hemm il-Mrixxall Alfred Xuereb u d-deputat Registratur Marika Caruana. Nghid il-marixxal Alfred kien qieghed bil-qeghda hdejja u hareg gewwa l-awla. Hu rega dahalu qal li xi hadd kien halla pakkett u nghid li dan il-marixxall fil-fatt kien dahal bil-pakkett gewwa s-sigieta. Jien kont staqsejtu ghaliex kien dahhlu fis-sigrieta u jien ghidtlu ghax forsi xi hadd nesieh. Nghid kien hemm ukoll id-deputata u dan il-pakkett hallejnieh hemm ma misejniehx sakemm imbhgad giet il-Magistrat. Ahna lill-magistrat ghidnilha b'kollox u hi cemplet lir-registratur fuq. Imbghad gew l-esperti. Nghid il-Marixxal Alfred kien qalilna lihu kien sab il-pakkett fuq it-tribuna. Nghid li jiena inkun fost minn ta' l-ewwel li nidhol. Normalment inkun l-ewwel jiena u qabli probabli tkun il-cleaner, korrezzjoni, inkunu jien u l-cleaner li nidhlu flimkien u nghid jien nidhol minn go l-awla biex immur fis-sigrieta. Dak inhar ghamilt hekk ukoll. Jien certa li ma kien hemm xejn fuq it-tribuna dak inhar meta jien dhalt minn go l-awla ghal gos-sigrieta."

In kontro-ezami ix-xhud Doris Cini qalet:

"Jien normalment nidhol il-Qorti bejn is-7.00am u is-7.15am. Dak inhar l-istess hin zammejt. Nghid dak il-hin li nidhol il-Qorti nidhol mill-bieb principali tal-Qorti li jgahti ghal Triq ir-Repubblika li jkun miftuh. Nghid li 99% dejjem dak il-hin li nidhol jien ikun hemm bejn wiehed sa tnejn mill-marixxalli li jkunu ta' bil-lejl u jkunu qeghdin hdejn il-metal detector li hemm hdejn il-bieb principali. Nghid rigwardanti d-data tal-1 ta' Novembru 2002 nghid li 99% dak inhar dawn il-marixxalli jew xi hadd minnhom kienu hemm. Jien biex nidhol fis-sigrieta tal-magistrat Padovani Grima minn dejjem uzajt il-bieb ta' l-awla. Nghid li l-bieb ta' l-awla tal-Magistrat Padovani kont nifthu jien bic-cavetta. U anke l-bieb li jaghti ghal gewwa s-sigrieta dan ukoll bic-cavetta u kont nifthu jiena. Jien wara li nkun ftaht il-bieb ta' l-awla dan jibqa mizmum miftuh. Normalment il-magistrat padovani Grima tidhol ghax-xoghol bejn id-9.15am u 9.30am. Nghid li ghal hekk bejn wiehed u iehor

bejn il-hin li nidhol jien fis-sigrieta u l-hin li tidhol il-Magistrat jghaddu xi saghtejn. Nghid li l-marixxal Alfred kien qalilna li kien sab il-pakkett u fil-fatt kien dahhal il-pakkett fis-sigrieta ghall-habta ta’ xit-8.00am. jien f’dik is-siegha bejn li dahhal il-pakkett il-Marixxal u giet il-Magistrat jien bqajt bix-xoghol normali tieghi ghaddejja. Nghid li ahna bqajna ghaddejjin b’xogholna anke d-deputat u anke il-marixxal u konna qed nistennew li tigi l-Magistrat. Niftakar li d-deputat Marika kienet missitu l-pakkett.”

Fis-Seduta ta’ l-10 ta’ Marzu, 2004 xehed PC 453 Brian Cassar li:

“Nghid illi qed nigi muri r-Rapport tieghi li jinsab minn fol. 44 sa fol. 49 tal-Proces Verbal li huwa esebit u mmarkat bhala Dok. RB1 fl-Inkjesta dwar pakkett suspettuz li nstab gewwa l-Awla tal-Magistrat Dr. Jacqueline Padovani Grima LL.D. nhar l-1 ta’ Novembru, 2002. Nikkonferma l-kontenut kollu ta’ dana r-Rapport. Nikkonferma wkoll li jiena kont gejt mahtur f’din l-Inkjesta mill-Magistrat Inkwirenti Dr. Giovanni Grixti bhala *Scene of Crime Officer* u niddikjara li fedelment u onestament qdejt l-inkarigu moghti lili u nikkonferma bil-gurament ir-Rapport.

In kontro-ezami l-istess xhud qal:

“Qed nigi mistoqsi mill-avukat difensur jekk ir-ritratti li jien esebejt mar-relazzjoni tieghi ittiehdux fis-Sigrieta tal-Magistrat Dr. Padovani Grima, nikkonferma illi r-ritratti ttiehdu fis-Sigrieta ta’ l-imsemmija Magistrat.

In kwantu ghar-ritratt markat 02 CQS 101, nghid dana juri dehra generali ta’ l-“envelope” suspettuz kontenenti xi oggetti fuq il-mejda. Din il-mejda kienet fis-Sigrieta tal-Magistrat Dr. Padovani Grima.

B’referenza ghar-ritratt markat bhala 02 CQS 102, nghid dana juri “close-up” ta’ l-“envelope” fejn jidhru xi kliem fuqu. Jiena l-“envelope” sibtu fl-istat li hadt ir-ritratt tieghu, cjoe` kif jidher fir-ritratt, u cjoe` miftuh. In kwantu ghal ritratt iehor li qed nigi muri wkoll biex nirrispondi dwaru, u

cjoe` ir-ritratt 02 CQS 103, nikkonferma li dan huwa l-istess “envelope” u dana l-“envelope” id-differenza hu li qieghed mill-parti maqluba, pero` ukoll, kif diga` ghidt, l-“envelope” nikkonferma li jiena sibtu miftuh u fl-istat illi hadt ir-ritratt tieghu.

Nghid illi jiena biex ovvjament hadtlu minn lati differenti l-“envelope” ihhendiljajtu jiena, pero` l-“envelope” jiena sibtu miftuh.

B’referenza ghar-ritratt 02 CQS 106, dana juri dehra generali ta’ l-oggetti li kienu go “envelope” wara li nhargu minn PS 173 Brian Mangion.”

In ri-ezami l-istess xhud kompla jixhed u jghid:

“Nghid illi fuq domanda li issirli mill-Ufficjal Prosekutur, u cjoe` meta jiena dhalt fis-Sigrieta tal-Magistrat Padovani Grima jekk kienx hemm ufficjali tal-Pulizija prezenti f’din is-Sigrieta, nghid illi prezenti kien hemm l-Ispettur Michael Mallia bhala Spettur tas-"C.I.D." u l-Ispettur Pierre Micallef Grimaud bhala l-Ispettur tad-Distrett, ovvjament oltre l-kollega tieghi ex-PS Brian Mangion. Fejn semmejt PS Brian Mangion nghid li nixtieq li ssir korrezzjoni fis-sens li dana huwa “ex-PS”.”

Fl-istess Seduta ta’ l-10 ta’ Marzu, 2004 xehed Charles Ciantar li qal:

“Jiena impjegat fid-Dipartiment tal-Kuntratti. Nghid illi qieghed naghraf lill-imputat prezenti fl-Awla bhala Marcel Dingli. Nghid li dan huwa impjegat fl-istess dipartiment li impjegat jiena fih u dana ghandu l-inkarigu ta’ “Executive Officer” u ilu f’dan id-dipartiment dawn l-ahhar seba’ (7) snin.

Qed nigi muri ritratt li huwa mmarkat bhala Dok. 02 CQ5 107 li nghid dana r-ritratt juri “envelope” illi ghandu miktub li huwa “Il-Gvern ta’ Malta” u fuq dana r-ritratt ukoll jidher li fuq dan l-“envelope” hemm it-timbru tad-dipartiment taghna, u cjoe` “Department of Contracts”.

Naghmel referenza wkoll ghal ritratt iehor li qed nigi muri, li huwa r-ritratt markat bhala 02 CQS 104 u nghid illi dana juri b'mod iktar ta' "close-up" it-timbru tad-dipartiment taghna, liema timbru qed naghrfu, u cjoe` id-dipartiment tad-"Department of Contracts"."

In kontro-ezami l-istess xhud qal:

"Jiena l-inkarigu tieghi fid-Dipartiment tal-Kuntratti huwa bhala "Senior Principal". Jiena nigi iktar "senior" mill-imputat fid-dipartiment. In kwantu ghall-imputat, nghid li hu ilu fid-Dipartiment tal-Kuntratti ghal dawn l-ahhar seba' snin.

Jiena, ghalkemm fl-istess Ministeru, pero` m'ilnix seba' (7) snin fid-Dipartiment tal-Kuntratti, anzi nghid ili ghal dawn l-ahhar erba' (4) snin. Jiena lill-imputat nafu bhala persuna li taghmel id-dmirijiet taghha. Nghid, fuq domanda li qed issirli mill-avukat difensur, u cjoe` in kwantu ghall-"envelopes" li jiena gharaft bhala "envelope" minnhom fir-ritratti li semmejt, nghid dawna huma accessibbli ghal kulhadd fid-dipartiment biex ikunu jistghu juzawhom halli jibaghtu korrispondenza, eccetra, u meta nghid ghal kulhadd ovvjament qed nghid ghall-impjegati tad-dipartiment.

Mistoqsi mill-avukat difensur x'inhuwa l-valur ta' dana l-"envelope" nghid illi ma nafx. Nippresumi li jiswa centezmi.

Qed nigi mistoqsi mill-avukat difensur jekk jiena bhala fatt nafx illi kien hemm uzu minn dawna l-"envelopes" ghal skopijiet personali, nghid illi jiena ma nistax nghid ghax ma nafx b'dawn il-kazijiet."

Fis-Seduta tas-26 ta' April, 2004 xehed il-Kaptan Jeffrey Curmi u qal:

"Jiena in kwantu ghall-Forzi Armati ta' Malta qieghed fil-Branka tal-"Bomb Disposal Unit", u dan qieghdin gewwa "Manoel Island". Nghid illi fl-1 ta' Novembru, 2002, jiena flimkien man-nies tieghi gejna imsejha biex nigu l-Qorti

ghaliex informawni li kien hemm oggett suspettuz gewwa l-Awla tal-Magistrat Jacqueline Padovani Grima.

Jiena gejt fuq il-post, komplejna bl-evakwazzjoni li kienet diga` bdiet il-Pulizija u minn hemmhekk jiena stajt nahdem fuq l-oggett suspettuz. Jien meta dhalt gewwa s-Sigriet tal-Magistrat, jiena sibt il-pakkett li kienu semmewli l-Pulizija, li dana kkonstatajt li kien pakkett f'forma ta' "envelope" tal-Gvern ftit kbir, dana kien maghluq. Jiena hadt l-azzjoni necessarja biex inkun naf x'fih dan il-"parcel" minghajr ma nifthu, b'dan li jiena wzajt sistema ta' "X-ray". Meta jiena mbaghad ghamilt l-accertamenti kollha tieghi u rrizultali li dana l-pakkett ma kienx fih splussiv jew accessorji ta' splussiv, jiena komplejt niftah dana l-pakkett biex inkun naf x'fih ezatt go fiha.

Jiena sibt, mela fuq barra sibt l-"envelope" kulur kannella tal-Gvern, fuq dana l-"envelope" kien hemm miktub "Magistrat J. Padovani Grima". Go dan l-"envelope" sibt "soft toy", kien hemm ukoll ritratt ta' ragel, liema ritratt kien qieghed go "envelope" blu u go l-istess "envelope" blu wkoll kien hemm "birthday card". Gewwa l-"birthday card" kien hemm miktub "To you". Gewwa l-istess "envelope" kannella kien hemm ukoll "pamphlet" ta' l-"AZAD" u f'dan il-"pamphlet" kien hemm miktub "George Borg Olivier – Statista ta' Vizjoni u Perseveranza".

In kwantu ghar-ritratt li qed nigi muri, li huwa mmarkat bhala "02 CQS 111" nikkonferma li dana kien parti mill-kontenut tal-"parcel" li semmejt u li jiena ftaht. B'referenza ghar-ritratt "02 CQS 110", nghid illi dana huwa ritratt illi juru l-"pamphlet" ta' l-"AZAD" li semmejt. B'referenza ghar-ritratt "02 CQS 115" nikkonferma li dana juri s-"soft toy" li jiena sibt gewwa l-imsemmi "parcel". B'referenza ghar-ritratt "02 CQS 114", dana juri l-wara tar-ritratt, liema wara tar-ritratt juri l-wara ta' ritratt li ha naghmel referenza ghalih, u cjoe` huwa r-ritratt numru "02 CQS 113", li dan ir-ritratt juri fih ritratt illi jiena kont rajt ritratt ta' ragel li jiena kont rajtu u li kont sibt fl-imsemmi "parcel", pero` in kwantu ghad-dokument ta' qabel, in kwantu ghar-ritratt "02 CQS 114", li fil-fehma tieghi dan huwa l-parti ta' wara tar-ritratt li ghadni kif semmejt, pero` jiena dwar dan

miniex cert. B’referenza ghar-ritratt “02 CQS 112”, dana huwa l-parti interna tal-“card” illi jiena sibt gewwa l-“parcel” u fejn ghidt sibt il-kliem miktub “To you”. B’referenza ghar-ritratt “02 CQS 101”, dana r-ritratt, u cjoe` l-“02 CQS 101” juri l-pozizzjoni tal-“parcel” fuq il-mejda, u nghid pero` dan ir-ritratt kien ittiehed wara li jien kont diga` ftaht il-“parcel”. B’referenza ghar-ritratt “02 CQS 102”, dana juri l-“envelope” kannella kif jidher minn barra u jidhru wkoll il-kliem li hemm miktubin fuqu. Nghid in kwantu ghal ritratt “02 CQS 105”, dana huwa iktar “close-up” tar-ritratt li juri l-kitba li kien hemm fuq l-istess “envelope”. Inzid nghid illi fuq dana l-“envelope” li semmejt, jiena wkoll kont ikkonstatajt li fuqu kien hemm miktub il-kliem “Department of Contracts”. In kwantu ghar-ritratt “02 CQS 106”, dana juri l-oggetti kollha mifruxin wara li jiena hrigthom mill-“envelope” kannella. In kwantu ghar-ritratti “02 CQS 103”, dana juri l-istess “envelope” kannella. In kwantu ghar-ritratt “02 CQS 108”, dana juri l-“envelope” il-blu li jien diga` ghamilt referenza ghalih. In kwantu ghar-ritratt “02 CQS 109” juri l-istess “envelope” blu pero` minn lat differenti. In kwantu ghar-ritratt “02 CQS 104” juri t-timbru “Department of Contracts” fuq l-“envelope” kannella. B’referenza ghar-ritratt “02 CQS 107” huwa wkoll ritratt iehor li juri l-“envelope” il-kannella.

Nghid illi dawn ir-ritratti kollha huma formanti parti mir-relazzjoni ta’ PC 453 Brian Cassar esebita bhala Dok. BC1.”

In kontro-ezami l-istess xhud qal:

“Jiena t-telefonata li fejn gejt informat b’dak li semmejt ircevejtha mill-“Operations Centre” tal-Forzi Armati ta’ Malta. Nghid jiena kont gejt informat mill-“Operations Centre” ghall-habta tad-disgha u nofs ta’ fil-ghodu (9:30 a.m.). Nghid jiena flimkien man-nies tieghi mbaghad tlaqna immedjatament, tlaqna minn “Manoel Island” u biex nigu l-Qorti. Nghid bhala “team” ahna konna “team” ta’ erba’ (4) minn nies inkluz jien. Jiena kont it-“team leader”. Nghid illi jiena dana l-pakkett kont sibtu fis-Sigrieta tal-Magistrat Padovani Grima u fuq mejda. Nghid illi jiena kont sibt dana l-“parcel” fis-Sigrieta tal-Magistrat Padovani

Grima fuq il-mejda li tidher indikata fir-ritratt “02 CQS 101”, liema ritratt, kif diga` ghidt, huwa formanti parti mir-relazzjoni Dok. BC1. Dina lili kienu spjegawli fejn hemm l-oggett u mort ghalih. Ma nafx jekk dina l-mejda kenitx jew le l-iskrivanija tal-Magistrat.

Qed nigi mistoqsi mill-avukat difensur jekk kienx hemm xi skrivanija iktar decenti minn din fil-kamra, nghid li ma niftakarx. Jiena qabel ma dhalt fil-kamra tkellimt ma’ xi Pulizija li kienu fuq il-post. Jista’ jkun ukoll tkellimt ma’ xi impjegati ta’ l-Awla, pero` miniex cert.

Qed nigi mistoqsi mill-avukat difensur jekk lili kienux qaluli qabel ma jiena missejt il-pakkett li dan il-pakkett kien diga`, li dan kienu diga` missewh xi persuni ohra tal-Qorti. Nghid dwar dan jiena ma nafx. Jiena lili li qaluli kien fejn kien qieghed il-pakkett. Jiena l-pakkett erfajtu, pero` ma wizintux b’xi mizien.

Nghid in kwantu ghal dana l-“parcel” meta jiena erfajtu, ma hassejtx xi toqol partikolari. Nghid li jiena bhala procedura l-ewwel hadt l-“X-ray” ta’ l-“envelope” u mbaghad caqlaqtu biex nohodlu minn angoli differenti. Pero` mbaghad meta jiena mbaghad hadt l-ewwel “X-ray” u kont kuntent b’dak li qieghed nara, jien allura mbaghad il-“parcel” stajt iktar incaqalqu liberament.

Waqt dina l-procedura jiena kont wahdi fil-kamra. Jiena, ghal ragunijiet ta’ “safety”, meta ftaht l-“envelope”, jiena dan ftahtu wahdi.”

Fis-Seduta tat-8 ta’ Gunju, 2004 xehed l-imputat Marcel Dingli li qal:

“Jiena bhala xoghol nahdem bhala *Executive Officer* mad-Dipartiment tal-Kuntratti mal-Gvern. Ili f’dana x-xoghol bejn wiehed u iehor ghal dawn l-ahhar hames (5) snin. Jiena qabel ukoll kont mal-Gvern, pero` ghamilt perijodu fejn kont irrizenjajt u mbaghad xi hames (5) snin ilu ergajt dhalt mal-Gvern. Jiena lill-Magistrat Padovani Grima ilni nafha snin twal, kemm ezatt ma nafx. Nghid illi jiena lill-Magistrat Padovani Grima ilni nafha qabel ma kienet

Magistrat, u probabilment ukoll qabel ma saret avukat. Anzi, nixtieq naghmel korrezzjoni: Nghid illi anki cert illi qabel ma saret avukat il-Magistrat Padovani Grima kont nafha, probabilment kont nafha fl-infanzja.

Nghid illi relazzjonijiet intimi bejni u bejn il-Magistrat Padovani Grima qatt ma kien hemm. Nghid illi ma konniex namrati jiena u l-Magistrat Padovani Grima. Kont nafha fis-sens li konna fl-istess postijiet ta' divertiment. Dwar l-incident li Magistrat Padovani Grima xehdet quddiem din il-Qorti dwaru, u cjoe` rigwardanti l-incident illi sehh meta kienet gharusa, jiena kont hallejt xi affarijiet wara r-residenza taghha meta kienet ghadha tghix fir-residenza ta' missierha u ommha, nghid fl-ewwel lok jiena dak iz-zmien ma kontx naf li Magistrat Padovani Grima kienet gharusa. Infatti f'dak il-perijodu jiena kont ghaddej minn dipressjoni mentali u kont ghamilt cajta li kienet goffa.

Nghid bejn l-okkazzjoni li qieghed insemmi meta l-Magistrat Padovani Grima kienet ghadha gharusa sa l-incident meritu ta' din il-kawza jiena qatt ma kelli kuntatt mal-Magistrat Padovani Grima. Bejn l-ewwel incident u daka odjern ghaddew xi hdax (11) jew tnax-il (12) sena. Dwar l-incident meritu ta' din il-kawza jiena nhossni dispjaccut bil-mod kif graw l-affarijiet – korrezzjoni – dwar l-ewwel incident u li semmejt, u cjoe` daka huwa rigwardanti l-incident illi meta l-Magistrat Padovani Grima kienet ghadha gharusa u jien kont hallejt xi imbarazz go kaxxa quddiem il-bieb tar-residenza tal-genituri taghha, jiena hassejtni iddispjacut u hassejt li ma stajtx li ma stajtx nibqa' bit-tikketta ma' persuna ghal xejn u b'xi mod deherli li jiena kelli nitlob xi forma ta' apologija jew komunika.

Nghid ghalhekk, peress li kien wasal il-*birthday* tal-Magistrat, u jiena kont naf li gej il-*birthday* tal-Magistrat, ghalkemm ma kontx naf id-data preciza, miz-zmien tal-passat. Ghalhekk iddecidejt li nipprova nikkumplimentaha b'xi mod, sibt dana s-*soft toy* pulit mhux ordinarju, fis-sens illi dana s-*soft toy* il-fondi ghax-xiri tieghu kien imur ghall-ghajnuna ta' l-ambjent, u dan huwa *soft toy* tad-*WWF*, jiena kelli *birthday card* id-dar. Jiena fuq il-*birthday card*

ma ktibt xejn. Jiena dahhalt ritratt tieghi personali ta' l-antik li kont nuza fl-elezzjonijiet ta' l-MZPN. Nghid illi in kwantu ghal dak li kien hemm fuq ir-retro ta' dana r-ritratt, dan kien diga` ipprintjat minn qabel. Inserejt ukoll ktieb dwar Borg Oliver. Nghid jiena dahhalt dan il-ktieb ghaliex iz-ziju tal-Magistrat Padovani Grima huwa l-Avukat Dottor Victor Ragonesi li kien Segretarju Generali tal-Partit Nazzjonalista, kien habib intimu ta' Borg Olivier kif kien zijuwi. Peress li jiena naf illi l-Magistratura ma tistax tattendi affarijiet politici, u bejn hassejt li jiena lill-Magistrat Padovani Grima kien jinteressaha, allura inserejt dana l-ktejjeb ukoll. Jiena dan kollu dahhaltu go *envelope* tad-Dipartiment tal-Kuntratti fejn nahdem jien, stejpiljajtu tliet (3) darbiet. Jiena mbaghad gejt il-Belt, ipparkjajt il-Belt gewwa Strada Forni u kienu bejn it-tmienja neqsin kwart (7:45) u t-tmienja ta' fil-ghodu (8:00 a.m.), tlajt Strada Santa Lucija, inizjalment kont se nhalli dana l-*parcel* fir-Registru ta' Isfel, pero` rajt il-bieb maghluq. Jiena mbaghad ghaddejt mill-bieb principali tal-Qorti minn Strada Rjali, dhalt minn taht il-*metal detector*. Nghid illi jiena jien u diehel il-Qorti hadd ma waqqafni. Jiena mort imbaghad hdejn it-*telephone operator* u staqsejt hemmhekk fejn nista' inhalli dan il-pakkett. Nghid li l-persuna li kien hemm fil-kamra ta' l-*operator* ghidtlu dwar illi dana pakkett illi xtaqt inhallih ghall-Magistrat Padovani Grima, saqsejtu fejn stajt inhallih, qalli biex jiena nidhol fl-Awla forsi nsib Marixxal. Jiena mbaghad dhalt fl-Awla, fis-Sigrieta ma dhaltx. Nghid li l-bieb tas-Sigrieta kien miftuh. Smajt xi thaxwix gewwa. Fl-Awla ma kienx hemm nies. Il-bieb ta' l-Awla kien miftuh, jien ghaddejt minnu. Jiena mbaghad dana l-*parcel* poggejtu fuq it-tribuna tal-Magistrat fuq in-naha tal-lemin. Jiena mbaghad tlaqt 'il barra u mort l-ufficju normali. Nghid illi mbaghad kont qieghed id-dar u xi s-siegha ta' wara nofs in-nhar (1:00 p.m.) gew l-Ispetturi Mallia prezenti fl-Awla u kif ukoll kien gie wkoll l-Ispettur Pierre Micallef Grimaud. Korrezzjoni, prezenti fl-Awla hawn biss l-Ispettur Michael Mallia, pero` f'dik l-okkazzjoni kienu gew zewg (2) spetturi, l-Ispettur Michael Mallia u l-Ispettur Pierre Micallef Grimaud. Huma staqsewni dwar l-incident u jiena kont ghidtilhom li jiena kont li qeghidt dan il-*parcel*.

Nghid illi ghalkemm veru ghaddew xi bejn hdax (11) u tnax-il (12) sena mid-data ta' meta kien sehh l-incident quddiem ir-residenza tal-genituri tal-Magistrat Padovani Grima meta dina kienet ghadha gharusa sa l-incident meritu ta' dina l-kawza, nghid pero` jiena, nghid illi lili l-kuxjenza tul dan iz-zmien baqghet dejjem tniggizni. Nghid illi peress li l-ewwel wahda kienet cajta goffa, iddecidejt illi naghmel dan il-gest illi ghamilt. Nghid illi dak iz-zmien illi sehh l-incident meritu ta' din il-kawza jien ma kelli l-ebda kawza pendenti quddiem din il-Qorti u quddiem xi qorti ohra. Jiena quddiem il-Magistrat Padovani Grima qatt ma dhert bhala akkuzat.

Qed nigi muri r-ritratt markat bhala 02 CQS 101 u nghid illi dana l-*envelope* kannella li jidher fuq dina l-mejda bajda jidher li huwa l-*envelope* illi jiena kont hallejt fl-Awla tal-Magistrat Dr. Padovani Grima fl-okkazzjoni meritu ta' din il-kawza. In kwantu ghal nghid ir-ritratt 02 CQS 107, nikkonferma li dan huwa l-*envelope* li jiena tfajt l-oggetti fih u li dwarhom xhedt illum. Nikkonferma wkoll illi fuq il-kliem Mag. J. Padovani Grima miktuba fuq dana l-*envelope* huwa tieghi kif ukoll il-linja taht dana l-kliem. Nikkonferma wkoll illi fuq dan l-istess *envelope* hemm il-kliem *Il-Gvern ta' Malta* u *Department of Contracts*.

Dwar ir-ritratt 02 CQS 112, nikkonferma li din hija l-parti interna tal-*card* li jiena inkludejt fl-istess *envelope*, imma anzi nixtieq nikkwalifika u nghid li nahseb li kienet hi, fis-sens illi ma nafx, korrezzjoni, ma niftakarx precizament il-kartolina kif kienet. B'referenza ghar-ritratt 02 CQS 111, nghid illi qed nara dina l-*birthday card* u nghid li probabilment din hija l-*birthday card* li jiena inkludejt fl-imsemmi *envelope*.

B'referenza ghad-Dokument 02 CQS 110, nikkonferma li dana huwa l-ktejjeb rigwardanti Gorg Borg Olivier li jiena inkludejt fl-istess *envelope*. B'referenza ghad-Dokument 02 CQS 115 nghid illi dina hija s-*soft toy* li jiena inkludejt fl-istess *envelope*. In kwantu ghar-ritratt immarkat bhala 02 CQS 114, nghid dana juri r-*retro* tar-ritratt tieghi. B'referenza ghar-ritratt 02 CQS 113, nikkonferma li dan huwa r-ritratt tieghi li jiena poggejt fl-istess *envelope* fl-

okkazzjoni meritu ta’ din il-kawza. B’referenza ghar-ritratt 02 CQS 102 nikkonferma li dana juri l-*envelope* kannella li jiena poggejt l-oggetti fih. B’referenza ghar-ritratt 02 CQS 106, qieghed nikkonferma l-*envelope* illi hemm, u qieghed naghraf l-oggetti li hemmhekk salv biss, kif ga` ghidt rigwardanti l-*card*, nippresumi li din kienet il-*card*, pero` jiena insejt ezatt kif kienet il-*card*. Probabilment din kienet il-*card*. Probabilment – korrezzjoni – rigwardanti r-ritratt 02 CQS 108, dana juri *envelope* ta’ kulur blu. Nghid illi probabilment dan kien l-*envelope* li jiena inkludejt din il-*card* fih. Naf li l-*envelope* kien kulurit, imma issa insejt il-kulur. Dwar dina ta’ l-*envelope* u l-*card*, nghid jiena mhux qed nghid li dawn m’humiex huma, nghid imma in kwantu ghall-memorja insejt rigwardanti l-*card* u l-*envelope* liema kienu.

Nghid, fuq domanda ta’ l-avukat difensur tieghi, nghid in kwantu jiena ktibtx fuq l-*envelope* il-kannella barra xi indirizz tieghi, nghid jiena le, m’ghamiltx hekk, ghaliex jiena probabilment kieku ghamilt hekk lill-Magistrat Padovani Grima kont indarrasha u ghalhekk din ma kenitx tiftah l-*envelope*. Nghid illi jiena ma dhaltx fis-Sigrieta ghax bzajt li se nsib lill-Magistrat Padovani Grima hemm gew. Nghid illi l-Pulizija lili, u allura qed nirriferixxi ghall-Ispettur Michael Mallia, nghid b’referenza ghall-Ispettur Michael Mallia probabilment kien l-Ispettur Michael Mallia li lili kien irreferieli li kellha tittiehed procedura dwar suspett ta’ bomba f’dan il-kaz. Nghid jiena meta poggejt dan il-*parcel* fl-Awla tal-Magistrat Padovani Grima ma ghaddielix minn rasi li seta’ jkun hemm suspett li dan il-*parcel* seta’ kien bomba.”

In kontro-ezami l-istess imputat Marcel Dingli qal:

“Nghid jiena meta kont qieghed jinterrogani l-Ispettur Michael Mallia, in kwantu dak kollu li nqala’ minhabba dak li ghamilt jiena jiena kont ghidtlu lill-Ispettur illi kien iddispjacieni.

Qed jigi suggerit lili mill-Ufficjal Prosekutur jekk jiena meta kont kellimtu waqt l-Interrogatorju jiena lill-Ufficjal Prosekutur kontx ghidtlu li jiena kont ossessjonat ghall-

Magistrat Padovani Grima, dwar dan nghid nichad li jiena ghidt dan id-diskors lill-Ufficjal Prosekutur waqt l-Interrogatorju. Nghid illi jiena meta kont ghamilt ic-cajta goffa lill-Magistrat Padovani Grima billi hallejt xi imbarazz go kaxxa quddiem ir-residenza tal-genituri taghha meta kienet ghadha gharusa, nghid li dak iz-zmien iva, jiena kelli ossessjoni ghall-Magistrat Padovani Grima. Nghid jiena dana l-ossessjoni kienet ta’ rispett kbir u attrazzjoni lejn il-Magistrat Padovani Grima.

Nghid illi kien hemm zmien meta jiena xtaqt nohrog mal-Magistrat Padovani Grima u mbaghad ma stajtx. Jiena fil-fatt xtaqt nohrog mal-Magistrat Padovani Grima imma ma kontx naf li kienet gharusa. Imbaghad ic-cirkostanzi tal-fatt illi kienet gharusa mbaghad jiena, nghid imma mbaghad biz-zmien dina nqatghet. Waqt il-perijodu ta’ l-ossessjoni, nghid ghalkemm jiena qieghed nuza l-kelma dipressjoni, nghid illi qatt ma kont naf ezattament x’kelli, imma nghid imma f’dik il-fazi jiena kien hemm din l-ossessjoni ghall-Magistrat Padovani Grima. Nghid illi fl-okkazzjoni li jiena semmejt ta’ meta hallejt dina l-kaxxa bl-imbarazz quddiem ir-residenza tal-genituri tal-Magistrat Padovani Grima meta din kienet ghadha avukat, nghid jiena nikkonferma li kont cempilt, u dana cempilt fir-residenza tal-genituri u kont ghidtilhom illi kellhom bomba wara l-bieb. Nghid fil-perijodu fejn jiena hallejt dina l-kaxxa bl-imbarazz quddiem ir-residenza tal-genituri tal-Magistrat Padovani Grima, jiena nikkonferma li dak il-perijodu jiena kelli attrazzjoni lejn il-Magistrat Padovani Grima u ammirazzjoni wkoll lejha. U qed nigi mistoqsi kif allura nallaccja l-fatt illi kelli tali ammirazzjoni u attrazzjoni u fl-istess hin incempel fir-residenza tal-genituri taghha u ninformahom li kellhom bomba wara l-bieb, nghid jiena agixxejt hekk ghax dak iz-zmien kelli marda. Nghid jiena l-versjoni li tajt illum quddiem il-Qorti u ma kontx semmejtha quddiem l-Ufficjali Investigaturi ghaliex huma dawn id-domandi rigwardanti dana li jiena rrispondejt ma kienux saqsewni dwarhom.

Nghid illi in kwantu x’wassal biex jien agixxejt b’dan il-mod, jista’ jkun li l-Ufficjali Investigaturi lili saqsewhieli din id-domanda, u allura qed nigi mistoqsi allura ghaliex jiena

ma elaborajtx u ma tajtx l-ispjegazzjoni kif jiena llum tajtha quddiem din il-Qorti, nghid illi jiena l-fatt li l-Ufficjali Investigaturi dak in-nhar ghidtilhom li jiena ghandi ammirazzjoni lejn il-Magistrat Padovani Grima ghalija kien bizzejjed. Inzid nghid ukoll li deherli li l-kontenut tal-pakkett li jiena poggejt fl-Awla tal-Magistrat Padovani, dana deherli li dana kien *self explanatory*.

Nghid illi jiena in kwantu ghall-indirizz tal-Magistrat Padovani fid-data illi jiena poggejt dana l-pakkett fil-Qorti, nghid jiena kont naf li toqghod x'imkien il-Bidnija, pero` ma kontx naf l-indirizz taghha u hassejt lanqas huwa prudenti li dan il-pakkett nohodulha d-dar.

Nghid, qed nigi mistoqsi in kwantu ghall-fatt illi jiena fl-ewwel incident li semmejt kont ghamilt telefonata fir-residenza tal-genituri tal-Magistrat Padovani fejn infurmajthom li kien hemm bomba wara l-bieb u li nghid li jiena niddefiniha bhala cajta goffa, fl-ambitu tal-fatt qed nigi mistoqsi dwar theddid fil-bini tal-Qorti dwar theddid ta' bombi u l-fatt li jiena hallejt *parcel* gewwa l-Awla tal-Magistrat Padovani Grima jekk jien allura ghaddielix minn rasi li dana seta' jittiehed bhala theddida ta' bomba fil-bini tal-Qorti, nghid illi lili dak il-hin m'ghaddielix minn rasi. Il-fatt li jiena ghaddejt minn gos-*Security door*, nghid jien ghalija ma bl-ebda mod ma bdejt inqis illi jiena stajt nittiehed u li nittiehed, li dan seta' jittiehed b'theddida ta' bomba, u nzid nghid jiena bhala membru tal-pubbliku ma nkunx naf x'theddid ikun hawn jew ma jkunx hawn fil-bini tal-Qorti.

Nghid jiena kieku ridt nahbi stajt nahbi meta dhalt bil-*parcel*. Nghid illi jiena, biex nghid il-lokalita` ezatta fejn jien originarjament kont se nhalli dana l-*parcel* meritu ta' dina l-kawza, nghid dana jiena kont se nhallih fir-Registru tal-Qorti li qieghed quddiem il-bieb principali ta' l-*Embassy Complex* fejn qabel kien hemm il-*lock up* tal-Pulizija, pero` nghid dak in-nhar ma hallejtux hemm ghax il-bieb kien maghluq. Dan kien ghall-habta ta' xi t-tmienja ta' fil-ghodu (8:00 a.m.)."

Fis-Seduta tas-27 ta' Lulju, 2004 rega' xehed l-imputat Marcel Dingli fejn qal:

"Qed nigi mistoqsi mill-avukat tieghi, cjoe` jekk jiena qattx kelli xi kawza quddiem il-Magistrat Padovani Grima. Dwar dan nirrispondi li jiena la qatt kelli u lanqas ghandi, u dana kemm ghal dak li ghandu x'jaqsam lili personalment u kemm ukoll in kwantu ghal xoghol."

Fl-istess Seduta tas-27 ta' Lulju, 2004 xehed ukoll Dr. Joseph Saliba li qal:

"Nghid illi l-imputat Marcel Dingli huwa pazjent tieghi. Nghid illi mir-*records* li ghandi l-imputat l-ewwel darba li gie rikoverat l-Isptar *Mount Carmel* kien fit-13 ta' April tas-sena 1983 u kien hareg imbaghad fis-7 ta' Mejju tas-sena 1983. Nghid illi mbaghad rega' iddahhal fl-Isptar *Mount Carmel* fl-14 ta' Awissu tas-sena 1998 u kien hareg fil-25 ta' Novembru ta' l-1998, u nixtieq hawnhekk nippreciza li ghal dana l-perijodu li qieghed insemmi issa dana kien qieghed taht il-konsulenza tieghi.

Qed nigi mistoqsi mill-avukat difensur jekk wara l-ewwel perijodu li kien ghamel *Mount Carmel* bejn, u cjoe` bejn dana l-ewwel perijodu u t-tieni perijodu li semmejt l-imputat kienx taht xi kura psikjatrika, nghid illi in kwantu ghall-kura kien dejjem taht kura, kemm ghal dak li ghandu x'jaqsam bhala *Out-Patients* kif ukoll taht kura privata, pero` dak li jiena nista' nghid huwa iktar fuq il-perijodu illi mbaghad meta gie taht il-konsulenza tieghi, u cjoe` fil-perijodu ta' meta kien dahal fl-14 ta' Awissu ta' l-1998.

Nghid in kwantu ghall-marda ta' l-imputat, nghid illi din hija forma ta' psikozi u nghid dana l-manifestazzjonijiet taghha jkunu ta' infiq zejjed ta' flus, grandjozita`, energija zejda u kultant elementi ta' paranoja u ta' suspetti. Nghid kagun ta' dan kollu jkun hemm imgieba irresponsabbli.

Nghid illi dina l-forma ta' marda, u cjoe` il-psikozi li jbati minnha l-imputat, hija potenzjalment perikoluza, fis-sens illi l-persuna jista' jkollha tendenzi ta' vjolenza, u nghid

ukoll li potenzjalment jista' jkun hemm ukoll ksur tal-Ligi Kriminali u kommissjoni ta' kriminalita`.

Nghid illi in kwantu ghall-ewwel *admission* ta' l-imputat fl-Isptar *Monte Carmeli*, relatata allura ghad-data tat-13 ta' April tas-sena 1983, li naf huwa illi dina l-*admittance* gewwa dana l-isptar kienet saret sussegwenti ghal xi tqeghid ta' xi forma ta' taparsi bomba li tqieghdet mar-residenza tad-Dottoressa Jacqueline Padovani, illum Magistrat.

Nghid illi in kwantu ghall-ewwel okkazzjoni li semmejt li gie *admitted* go *Mount Carmel* l-imputat, u cjoe` dik tat-13 ta' April, 1983, mir-*records* jirrizultali li l-imputat kien ingieb l-isptar mill-Pulizija. In kwantu ghat-tieni okkazzjoni, u cjoe` dik ta' l-14 ta' Awissu, 1998, nghid fit-tieni okkazzjoni, f'dina t-tieni okkazzjoni ddahhal fuq certifikat ta' tabib ta' poliklinika u ghandi wkoll mill-istess *file* indikazzjonijiet li juru illi kien iddahhal l-isptar fuq rapport tal-Pulizija. Dana jindika illi milli jidher kien kisser xi tliet (3) bibien biex huwa dahal f'lukanda fejn imbaghad jirrizulta li hu kien qieghed idur gharwien gewwa l-lukanda u skond l-istess *file* hemm ikkwotat li l-imputat kien agixxa b'dan il-mod ghaliex skond hu *he was in search of his better half*. Nghid illi fit-tielet okkazzjoni fejn l-imputat gie mdahhal l-Isptar *Monte Carmeli*¸ dan kien iddahhal fl-1 ta' Novembru, 2002 u kien hareg fl-20 ta' Novembru, 2002. F'dina t-tielet okkazzjoni l-imputat kien ingieb l-Isptar *Monte Carmeli* mill-Pulizija. F'dina l-okkazzjoni l-imputat lit-tabib li kien dahhlu l-isptar kien qallu, u hawnhekk qieghed nikkwota direttament mill-*file*, fejn dana qal: *"He says that Magistrate Jackie Padovani Grima is an old social acquaintance of his (he had offered her a Jack Daniels with Coke at Greyhound's Pub). Since then he has done research about her birthday, that her uncle is Ragonesi (a friend of George Borg Olivier, that she is married). About ten of fifteen years ago he was mentally unwell and did her a fake bomb behind her door. He was caught on the spot. Today it was her birthday and he entered her Court Room and left her a parcel with a soft toy and a card with his photo on it. He put it in a leaflet of Borg Olivier. Everyone thought it was a bomb*."

Hawnhekk nixtieq naghmel referenza li fuq dina d-dokument li qed naqra mill-*file* ta' l-imputat hemm ukoll nota fil-genb li tghid *"He says that he never intended to harm her".* In kwantu mbaghad nghid ghall-kontinwazzjoni tal-korp ta' x'hemm miktub, dan ikompli bil-kliem: *"The Court was emptied, then Police went for him at home and arrested him. When he informed them that he has a psychiatric history, he was referred to MCH (after involving Dr. Saliba)*. "Din id-darba kienet konnessjoni politika." *He denies having been ruminating about the Magistrate lately. He has not been depressed. He was compliant to treatment and attended Gzira Psychiatric Polyclinic regularly for review. …… at times disturbed (he stays on the internet), appetite, not depressed, no crying bouts. He was going out with friends, no paranoid ideas lately, no auditory hallucinations lately, neither tactile nor visual, no nightmares lately".*

Hawnhekk nippreciza li in kwantu ghal dana t-tielet perijodu li l-imputat ghamel fl-Isptar *Monte Carmeli*, u cjoe` dak il-perijodu mill-1 ta' Novembru, 2002 sa l-20 ta' Novembru, 2002, nghid illi l-imputat kien intbaghat fuq *leave* mill-ghada li gie *admitted*, u cjoe` mit-2 ta' Novembru, 2002. Nghid illi ufficjalment l-imputat gie *discharged* fl-20 ta' Novembru, 2002, u cjoe` dik kienet id-data li ahna kellna mohhna mistrieh li huwa seta' johrog u mbaghad imur bhala *Out-Patients*.

Nixtieq nghid li l-imputat imbaghad gie rikoverat gewwa l-Isptar *Monte Carmeli* ghar-raba' darba, u nghid kien iddahhal fit-13 ta' Mejju, 2003 u gie *discharged* fit-2 ta' Lulju, 2003. Nghid illi din id-darba l-imputat kien iddahhal l-Isptar *Monte Carmeli* u kien ittraskura fil-kura u ghalhekk huwa irkada. Nghid illi l-imputat ghandu tendenza li jittraskura l-kura. Barra minn hekk nghid illi meta jkun ghaddej taht il-kura regolari huwa jkun kwazi normali; li ghandu hu li huwa jargumenta illi huwa ma jaccettax il-fatt li dak li ghandu hija marda.

Nixtieq nghid li f'dina r-raba' *admission* gewwa l-Isptar *Monte Carmeli* fil-perijodu li kien qieghed *admitted* f'dan il-perijodu, huwa minhabba li huwa kien ried illi huwa jitlaq mill-isptar, huwa wera aggressivita`, fil-fatt wera aggressivita` kemm verbali kif ukoll fizika, u dan fil-konfront tieghi. Pero` imbaghad nghid li dana kien qieghed f'fazi ta' manija, pero` nghid wara mbaghad din il-fazi huwa kien apologizza mieghi.

Nixtieq nghid illi in kwantu meta huwa gie *admitted* ghat-tielet okkazzjoni, u cjoe` dik ta' l-1 ta' Novembru, 2002, huwa kien inghata, u dan biex inserrhu rasna, injezzjoni *Fluensol Depot*, li dina tahdem *slow release*. Nghid illi mbaghad wara li l-imputat kien gie *discharged*, huwa kellu jinghata iktar minn dina l-injezzjoni, pero` nghid l-imputat kien naqas li jigi – dana skond x'kien qalilna missier l-imputat u l-istess imputat, huwa kien naqas li jiehu dina l-injezzjoni fil-perijodu ta' xahrejn qabel ma gie rega' riammess l-Isptar *Monte Carmeli* ghar-raba' darba.

Nixtieq nghid illi ghalkemm huwa veru li jidher li kien hemm xi *breakdown* tal-kommunikazzjoni bejn is-sistema taghna tramite l-uzu ta' *Social Workers* u l-imputat, l-obbligu kien ta' l-imputat u tal-familja tieghu li jaraw illi dana jottempera ruhu ma' l-ordnijiet medici li tajna ahna, pero` huwa legalment ma kellu l-ebda trattament li kien obbligatorju. Nixtieq nghid li jiena l-imputat ili nafu issa ghal numru sew ta' snin u niddubita serjament kemm l-imputat japprezza l-fatt illi dak li ghandu hija marda u li minghajr kura huwa ma jistax imexxi b'mod normali hajtu u nghid illi niddubita illi ghax hu jaf illi jiena nixtieq illi huwa jurini li jkun fehemni dak li ghandu hija marda, pero` niddubita kemm huwa sincier meta lili jghidli li huwa jkun fehem li hija marda.

Nixtieq nghid illi prezentement l-imputat qieghed f'fazi fejn huwa jattendi bhala *Out-Patient* l-Isptar San Luqa u nghid illi mir-*records* illi ghandi jirrizulta li l-imputat huwa stabbli u li qieghed jimxi skond it-trattament suggerit lilu. Nghid illi bejn wiehed u iehor issa l-appuntament li jmiss ta' l-imputat bhala *Out-Patient* ta' l-Isptar San Luqa huwa ghal Settembru 2004."

In kontro-ezami x-xhud Dr. Joseph Saliba qal:

“Nghid illi in kwantu ghall-passat, certament li l-imputat kellu infatwazzjoni, li jiena niddefiniha bhala infatwazzjoni patologika, fil-konfront tal-Magistrat Dottor Jacqueline Padovani Grima. Nghid ukoll li meta mbaghad gie rikoverat fl-1 ta’ Novembru, 2002, nghid jiena bqajt sorpriz ghaliex jiena kont taht l-impressjoni illi dika l-infatwazzjoni kienet spiccat. Nghid pero` b’dak li gara jiena bqajt allura tal-fehma illi l-infatwazzjoni kienet ghadha go fih. Fil-fatt nghid li kieku gejt mistoqsi jumejn qabel l-akkadut ta’ Novembru 2002 jekk din l-infatwazzjoni kenitx spiccat mill-imputat, nghid li kont nghid li iva ghaliex lilna hu kien jghidilna li dina kienet xi haga tal-passat, pero` minn dak li akkada fl-1 ta’ Novembru, 2002, nghid illi allura din l-infatwazzjoni kienet ghadha go fih.

Nghid in kwantu ghal dak li nista’ nghid ghallum, nghid illi dak li huwa l-aktar probabbli huwa li dina l-infatwazzjoni qieghda tigi kontrollata tajba. L-alternattiva ohra mill-indikazzjonijiet li hemm hija allura li tkun sparrixxiet; dana tkun dejjem bhala rizultat tal-kura.

Nghid fuq domanda ta’ l-Ufficjal Prosekutur jekk allura meta l-imputat fl-1 ta’ Novembru, 2002 agixxa kif agixxa in kwantu ghall-kaz meritu ta’ din il-kawza huwa kienx in kwantu mentalment kapaci li jiddiskrimina bejn it-tajjeb u l-hazin, nghid illi huwa kien kapaci jiddistingwi bejn it-tajjeb u l-hazin, nghid illi pero` imbaghad pero` in kwantu biex jagixxi fil-fehma tieghi dana ma kellux kontroll. Nghid illi ghalhekk huwa mentalment kien jaf x’qieghed jaghmel u kien kapaci jiddeciedi dak li huwa tajjeb u hazin, pero` imbaghad l-istat ta’ gradjozita` li huwa kellu go fih kienet iggieghlu jaghmel dak li, kienet gieghlitu jaghmel dak li l-mohh tieghu ma riedx jaghmel.

Nixtieq nghid illi huwa bi sforz enormi teoretikament seta’ jagixxi mod iehor, u ghalhekk fil-fehma tieghi in kwantu ghall-incident meritu ta’ din il-kawza ma nistax niddefinixxi lill-imputat li f’dak l-istat meta huwa kkommetta dak li

allegatament qed jigi akkuzat li kkommetta huwa kien fi stat ta' genn kif nafuh fit-terminologija legali."

Fl-ewwel lok il-Qorti tiddikjara li mhux kontestat il-fatt li l-envelopp in kwistjoni bil-kontenut tieghu gie impoggi fl-Awla tal-Magistrat Dr Jacqueline Padovani Grima fl-1 ta' Novembru, 2002 mill-imputat Marcel Dingli.

Rigward l-ewwel akkuza li hi inkwadrata fl-artikolu 91 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti hi tal-fehma li tali akkuza giet sufficjentement ippruvata. Hawn il-Qorti taghmel referenza ghas-segwenti brani mid-deposizzjoni tal-Magistrat Dr Jacqueline Padovani Grima moghtija fis-Seduta tas-27 ta' Ottubru, 2003:

(i)"Jien kont certa li jien ma kelli ebda kawza li kienet tikkoncerna id-Department of Contracts u konsegwentement jien bdejt nahseb hazin. Staqsejt wahda lill-istaff tieghi jekk dawn kienux raw jew semghu xi haga, kollha qaluli li huma kienu semghu zaqzieq tal-bieb ta' l-awla u meta hargu raw il-pakkett fl-awla. Nghid ukol li dak kien perjodu fejn kien hawn ta' spiss theddid gewwa il-Qorti u ghal hekk jien minnufih infurmajt lir-Registratur tal-Qrati. Min-naha tieghu ir-Registratur infurmani li hu kien ser jibghat ghall-pulizija. Gew diversi spetturi tal-pulizija u membri ohra tla-korp tal-pulizija flimkien ma nies tal-Forzi Armati ta' Malta u dawn bdew johorgu lil kulhadd il-barra. Jien spiccajt ukoll hrigt barra. Spiccat li dak inhar kellu jsir il-posponiment tax-xoghol ta' kulhadd bl-ordni ta' l-amministrazzjoni."

(ii) "Nixtiq nghid li l-mod kif tpogga dak il-pakkett fl-awla tieghi fl-1 ta' Novembru 2002 ghalija jfisser minaccja u din il-minaccja narra bhala minaccja ghall-amministrazzjoni tal-gustizzja. Certament jien ma kontx niehu il-passi li hadt fis-sens li kelli ninforma l-awtoritajiet koncernati dwar is-sejba ta' tali pakkett kieku jien ma kontx hadtha bhala minaccja ghall-amministrazzjoni tal-gustizzja."

Rigward it-tieni akkuza l-Qorti tosserva li r-reat kontemplat f'din l-akkuza hu inkwadrat fl-artikolu 93 (1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta pero` dan l-artikolu ma nghatax mill-Avukat Generali u ghalhekk il-Qorti m'ghandhiex triq ohra

hlief li tillibera lill-imputat minn din l-akkuza.  Hawn il-Qorti tirrileva li fost l-artikoli moghtija mill-Avukat Generali (ara fol. 63 tal-Process), hemm l-artikolu 95 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.  Tali artikolu (95 (1) Kap 9) jibda:  “Kull min, f’kull kaz iehor mhux imsemmi fl-ahhar zewg artikoli qabel dan, ……..”.  Dan,  fil-fehma tal-Qorti, jeskludi l-applikazzjoni ta’ tali artikolu rigward it-tieni akkuza.

In kwantu ghat-tielet akkuza il-Qorti hi tal-fehma li tali akkuza tirrizulta b’mod sodisfacenti.  Tali akkuza hi inkwadrata fl-artikolu 110(2) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

L-agir ta’ l-imputat kif johrog car mill-provi processwali prodotti kien tali li bil-qerq holoq it-tracci ta’ reat kif kontemplat fl-imsemmi artikolu tal-Kodici Penali nostran.

L-imputat agixxa billi kmieni filghodu dahal go l-awla tal-Magistrat Padovani Grima b’envelopp suspettuz u hallieh fl-istess Awla.

Il-fatti ta’ x’ghamel l-imputat Marcel Dingli jitkellmu wahedhom!

Rigward ir-raba’ akkuza li tinkwadra ruhha fl-artikolu 127 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta il-Qorti hi tal-fehma li din l-akkuza giet sufficjentement ippruvata.

F’dan ir-rigward il-Qorti, a skans ta’ ripetizzjoni taghmel referenza ghal dak li xehed Charles Ciantar fis-Seduta tal-10 ta’ Marzu, 2004 u riportat aktar qabel f’din is-Sentenza.

Taghmel ukoll referenza ghas-segwenti bran mid-deposizzjoni ta’ l-imputat Marcel Dingli moghtija fis-Seduta tat-8 ta’ Gunju, 2004:

“Qed nigi muri r-ritratt markat bhala 02 CQS 101 u nghid illi dana l-*envelope* kannella li jidher fuq dina l-mejda bajda jidher li huwa l-*envelope* illi jiena kont hallejt fl-Awla tal-Magistrat Dr. Padovani Grima fl-okkazzjoni meritu ta’ din il-kawza.  In kwantu ghal nghid ir-ritratt 02 CQS 107, nikkonferma li dan huwa l-*envelope* li jiena tfajt l-oggetti fih u li dwarhom xhedt illum.  Nikkonferma wkoll illi fuq il-

kliem Mag. J. Padovani Grima miktuba fuq dana l-*envelope* huwa tieghi kif ukoll il-linja taht dana l-kliem. Nikkonferma wkoll illi fuq dan l-istess *envelope* hemm il-kliem *Il-Gvern ta' Malta* u *Department of Contracts*."

Rigward il-hames akkuza li hi inkwadrata fl-artikolu 138 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta tiddikjara li tali akkuza tirrizulta b'mod sodisfacenti. In kwantu ghall-istat ta' l-impjieg ta' l-imputat fl-1 ta' Novembru 2002 il-Qorti taghmel referenza ghas-segwenti bran mid-deposizzjoni tal-imputat Marcel Dingli moghtija fis-Seduta tat-8 ta' Gunju, 2004:

"Jiena bhala xoghol nahdem bhala *Executive Officer* mad-Dipartiment tal-Kuntratti mal-Gvern. Ili f'dana x-xoghol bejn wiehed u iehor ghal dawn l-ahhar hames (5) snin."

Taghmel ukoll referenza ghas-segwenti bran mid-deposizzjoni ta' Charles Ciantar moghtija fis-Seduta ta' l-10 ta' Marzu, 2004:

"Jiena impjegat fid-Dipartiment tal-Kuntratti. Nghid illi qieghed naghraf lill-imputat prezenti fl-Awla bhala Marcel Dingli. Nghid li dan huwa impjegat fl-istess dipartiment li impjegat jiena fih u dana ghandu l-inkarigu ta' "Executive Officer" u ilu f'dan id-dipartiment dawn l-ahhar seba' (7) snin."

Rat l-artikoli 110(2), 91, 127, 138, 17(b) u (h), 20, 23 u 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

In kwantu ghat-tieni akkuza migjuba fil-konfront tal-imputat Marcel Dingli, ghar-raguni esposta aktar qabel f'din is-Sentenza issib lill-imputat mhux hati ta' din l-akkuza u minnha tilliberah. Issib lill-imputat Marcel Dingli hati tal-ewwel akkuza, tat-tielet akkuza, tar-raba' akkuza u tal-hames akkuza, u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz, inkluzi l-fedina penali ta' l-imputat, dak li xehed Dr Joseph Saliba fis-Seduta tas-27 ta' Lulju, 2004 u li gie riportat aktar qabel f'din is-Sentenza u l-valur minimu tal-envelopp uzat mill-imputat rigward ir-raba' akkuza u wara li rat l-artikoli 28A u 28B tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta,

tikkundanna lill-imputat Marcel Dingli ghall-piena komplessiva ta’ sentejn (2) prigunerija u mitt Lira Maltin (Lm100) multa u tordna li din is-Sentenza in kwantu ghall-piena ta’ prigunerija ma ghandhiex tibda ssehh hlief jekk matul il-perijodu ta’ erba’ (4) snin mil-lum l-imputat Marcel Dingli jikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija.

Inoltre l-Qorti ai termini ta’ l-artikolu 127 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta tordna interdizzjoni generali perpetwa fil-konfront tal-imputat Marcel Dingli.

Il-Qorti, a tenur tal-artikolu 23 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta tordna l-konfiska ta’ l-oggetti esebiti bhala 02CQS201 mar-Relazzjoni Dok BM1 fl-Inkjesta minn PS 173 Brian Mangion li l-Proces Verbal ta’ din l-Inkjesta gie esebit fl-atti ta’ din il-kawza bhala Dok RB1, liema oggetti li qeghdin jigu konfiskati jinsabu ghand l-Exhibits Officer (Ex. No. IA33/03).

Il-Qorti, a tenur tal-artikolu 383(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta torbot lill-imputat Marcel Dingli b’obbligazzjoni personali ta’ Lm100 li bl-ebda mod ma jimmolesta lill-Magistrat Dr Jacqueline Padovani Grima ghal zmien sena mil-lum.

In kwantu ghat-talba ikkontemplata fl-Artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, peress li l-Qorti rat li ma jirrizultax li gew inkorsi spejjes a tenur ta’ l-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta f’din il-kawza, tichad it-talba.

Il-Qorti qed taghti lill-imputat Marcel Dingli l-ispjegazzjoni preskritta fl-artikolu 28A (4) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Finalment il-Qorti fid-dawl ta’ l-artikolu 10(7) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta tordna l-pubblikazzjoni ta’ din is-Sentenza fil-Gazzetta tal-Gvern skond il-ligi u ghal dan il-fini tordna li kopja vera ta’ din is-Sentenza ghandha tigi trasmessa a kura tad-Deputat Registratur ta’ din l-Awla lir-Registratur tal-Qrati.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------